Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

## Appell Numru 39/2016

**Doreen Camilleri**

**Vs**

**Il-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data**

Deċiżjoni: 24 ta' Ottubru 2017

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Dan huwa appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tas-17 ta' Ottubru 2016 u li fih l-appellanti qed titlob (a) revoka u nullita tad-Deċiżjoni tal-istess Kummissarju tas-17 ta' Ottubru 2016; li l-Kummissarju jiġi ordnat jerġa' jikkunsidra l-każ mil-ġdid skont ir-rizultanzi ta' dan it-Tribunal; li jordna lil Kummissarju jieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet kollha relatti tal-appellanti u sabiex il-Kummissarju jordna lil Ministeru għal-Edukazzjoni u Impjiegi jonora d-dritt tad-dħul kif previst mill-artikolu 21 tal-Kap 440 b'mod ampju sabiex l-appellanta tkun tista' tikkunsidra liema data personali tagħha ġiet ipproċessata, kif ġiet ipproċessata , għal liema skopijiet ġiet ipproċessata u minn min u min kienu r-reċipjenti tad-data personali tagħha u dan sabiex tkun tista' tevalwa jekk l-ipproċessar tad-data personali tagħha kienitx skont il-liġi u/jew jekk hemmx lok għal korrezzjoni u/jew tħassir tal-istess data personali; jordna lil Kummissarju jimponi penali fuq l-istess Ministeru minħabba nuqqas ta' osservanza tad-dritt tad-dħul u partikularment minħabba d-dewmien eċċessiv sabiex tonora l-obbligi tagħha ta' kontrollur skond l-Kap 440..

F'dan l-appell l-appellanti qed tikkontendi li għalkemm il-Kummissarju ta' struzzjonijiet lil Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjieg sabiex jipprovdi lill-appellanti b'informazzjoni bil-miktub dwar is-sejbiet ta' kwistjonijiet ta' fatti materjali li ħarġu mir-rapport imħejji mingħajr ma tiżvela informazzjoni dwar l-identità tal-impjegati terzi li ġew intervistati u mingħajr ma tiżvela informazzjoni li tista' twassal sabiex tiġi żvelata l-identità tal-impjegati li kienu intervistati, l-informazzjoni li irċeviet l-appellanti fl-1 ta' Awissu 2016 mingħand l-istess Ministeru kienet tirrigwarda biss il-ġranet li fihom allegatament saru l-intervisti mal-impjegati, l-lok fejn żvolġew l-intervisti u xi fatti li ħarġu minn dawn l-intervisti iżda xejn ma ingħatat informazzjoni fejn hija tinstab fir-rapport imħejji. Fit-12 ta' Ottubru 2016 l-istess Ministeru bagħat ftit aktar informazzjoni li kienet lista ta' emails bid-data ta' tali emails. Li meta hija talbet lil Kummissarju jerġa jintervjeni ġiet mogħtija l-parir li tagħmel appell ai terminu tal-Kap 440 .

Ra r-risposta tal-Kummissarju appellat li fiha rrilevat li d-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha iddeċieda li l-Ministeru qua l-kontrollur tad-data wettaq l-obbligi legali tiegħu skont l-artikolu 21 tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta. Li t-talba tal-appellanti lil Kummissarju kienet sabiex "jisħaq mal-MEDE sabiex din tal-aħħar tipprovdi kopja tar-rapport li ġie mħejji u kif ukoll id-dokumenti annessi mar-rapport" hija infondata stante li l-artikolu 21 tal-Kap 440 jipprovdi illi l-Kontrollur jagħti lis-suġġett tad-data "informazzjoni bil-miktub dwar jekk data personali li jkunu jirrigwardaw lis-suġġett ta' data ikunux proċessati" iżda mhux kopja lis-suġġett tad-data; u li l-emails provduti lill-appellanti ma kienux ħela ta' hin u kopja tagħhom ġie esibita mal-istess risposta.

Ra x-xhieda tal-appellanti li permezz tagħha hija xehdet li huwa importanti li jkollha kopja tar-rapport u anke bl-ismijiet mgħottija għar-raġuni ta' kunfidenzjalita sabiex tkun tista' tivverifika fuq liema bażi saret t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha.

Ra d-dokumenti kollha preżentati f'dawn l-atti.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Li t-talba tal-appellanti hija sabiex hija jkollha aċċess għar-rapport kollu li sar mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjiegi li wassal biex gie terminat l-impjieg tagħha.

Il-Kummissarju jikkontendi li r-risposta li ngħatat f'Dok AF7 l-appellanti l-kontenut tagħha jirrifletti fedelment ir-rapport (seduta 20 ta' April 2017). Fl-istess seduta t-Tribunal ordna li r-rapport mertu ta' dan l-appell jiġi sfilzat minn mar-risposta tal-Kummissarju u jkun għad-dispożizzjoni ta' dan it-Tribunal sakemm jiġu konklużi dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Li l-appellanti qed titlob kopja tar-rapport li skond hi wassal biex l-impjieg tagħha ġie terminat minn mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol senjatament bħala

Koordinatur Nazzjonali fi ħdan l-Aġenzija dwar il-Programmi tal-Unjoni Ewropeja (EUPA) u li l-ismijiet imsemmija jekk ikun hemm bżonn anke jiġu mgħottija sabiex tiġi rispettata l-protezzjoni tad-data.

Ir-regola ġenerali hija li kull impjegat għandu dritt ta' aċċess għal data personali li tirrigwarda lilu in konnessjoni ma' dixxiplina, ilmenti u tkeċċija mil-post tax-xogħol u l-artikoli 4 u 5 tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu dan għajr għal xi eċċezzjonijiet.

Dan it-Tribunal ma jaqbilx li tali rapport huwa ta' natura kunfidenzjali u dana stante li tali rapport skond l-appellanti wassal biex ġie terminat l-impjieg tagħha liema deċiżjoni hija qed tikkontesta f'fora oħra. Hija għalhekk għandha dritt għal kopja sħiħa ta' dan ir-rapport b'dan li l-ismijiet tal-persuni li rraportaw dwarha jiġu mħasra a fini ta' protezzjoni tad-data dwar dawn il-persuni.

Ma teżisti ebda raġuni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex tali rapport ma għandux ikun aċċessibbli għall-appellanti.

Għaldaqstant dan it-Tribunal jilqa' l-ewwel talba tal-appellanti u jħassar u jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-17 ta' Ottubru 2016 u qed jirreferi l-kwistjoni lura lil Kummissarju ai termini tal-artikolu 49(4) tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-istess Kummissarju sabiex jerġa jikkunsidra t-talba tal-appellanti mil-ġdid u jasal għal deċiżjoni skont ir-rizultanzi ta' dan it-Tribunal cioe li l-appellanti tingħata kopja tar-rapport li wassal biex ġie terminat l-impjieg tagħha minn mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjiegi mingħajr ma jissemmew l-ismijiet tal-persuni li lmentaw dwar l-operat tal-istess appellanti u jiċħad it-talbiet l-oħra kollha tal-istess appellanti stante l-penali ai termini tal-artikolu 41B tal-Kap 440 tista' tiġi applikata mill-Kummissarju fid-diskrezzjoni tiegħu u mhux minn dan it-Tribunal.

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru